**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**ILLUM 31 ta' Lulju 2015**

**PULIZIJA**

**Spettur Kurt Zahra**

**VS**

**Shalon Abela**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Shalon Abela, bin Philip u Maria Dolores nee' Caruana, mwieled Pieta' fl-20 ta' April 1993, residenti gewwa 15, Otsonm Flat 3, Triq San Pawl, Qormi u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-numru 220493M;

Talli

1) fis-27 ta' Mejju 2015 ghal habta tas-13.00 minn Triq Eldorado, Hamrun flimkien ma' persuna ohra ikkommetta serq ta' gizirana li l-valur taghhoma jammonta ghal €465 minn fuq il-persuna ta' Dolores Debrincat detentrici tal-Karta tal-Identita' bin-numru 796255M, liema serq huwa aggravat bil-valur li ma jiskorrix l-ammont ta' €2329.37;
2) nhar l-14 ta' Gunju 2015 ghall-habta tas-14.30hrs minn Triq Anton Buttigieg, Hamrun, flimkien ma' persuna ohra ikkommetta serq ta' gizirana tal-valur taghha jammonta ghal €300 minn fuq il-persuna ta'

Elizabeth Farrugia detentrici tal-Karta tal-Identita' bin-numru 351351M liema serq huwa aggravat bil-valur li ma jiskorrix l-ammont ta' €2,329.37;

3) aktar talli rrenda ruhu recidiv ai terminu tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li gie misjub hati b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittiv u ma jistghux jigu mibdula;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu solennement bil-konsegwenzi li l-istess ammissjoni kienet ser iggib maghha;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 261(c), 267, 279(a), 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il-Qorti qieghda ssib lill-imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah disa' (9) xhur prigunerija.

Il-Qorti taghmel rakkomandazzjoni lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex jipprovdi l-assistenza kollha mehtiega biex l-imputat jinghata l-ghinuna necessarja biex ihejji ruhu ghal programm ta' rijabilitazzjoni mid-dipendenza fuq id-droga.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**
**MAGISTRAT**